MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru. 563/2004

**Il-Pulizija**
**(SpetturAntonello Grech)**

vs

**JOSEPH BUGEJA**

**Seduta ta' llum, 27 ta' Settembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BUGEJA** bin Emanuel u Maria Assunta nee Aquilina, imwieled nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 1962 u residenti 'Arzella', 38, Triq il-Kunsill Civiku, Rabat, Ghawdex, detentrur tal-karta tal-identita numru 37362G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Settembru 2004 f'Ghawdex, meta hekk ordnat mill-Qorti Civili ta' Ghawdex b'decizjoni tal-istess Qorti,

Citazzjoni Numru 93/2001/1, datat hmistax ta' Ottubru 2002, jew kif marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil wild taht l-kustodju tieghu, rrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(LL) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Ottubru 2004 **xehed PS 1346** fejn ikkonferma li huwa kien ircieva rapport minghand Miriam Bugeja mart l-imputat odjern, li fil-gurnata tad-dsatax ta' Settembru 2004, l-imputat ma tahiex access ghal binha minuri Charlon Bugeja meta kien hekk ordnat li jaghmel skond digriet tal-Qorti. Huwa kellem lil minuri ftit jiem wara u cioe fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2004, u staqsih ghaliex ma marx ma ommu u t-tifel qallu li kien jibza mill-familjari ta' ommu b'mod partikolari minn zijuh certu Formosa ghaliex darba minnhom allegatament heddu li kien ser jitfghu f'bir u f'okkazzjoni ohra kienu fuq xi rdum u qallu li kien ser jitfghu ghal isfel. Qallu wkoll li meta jkun ma ommu, hija thallih ma terzi u darba minnhom habiba taghha sawtitu b'xi cintorin.

Huwa kellem wkoll liz-ziju Formosa u dan ikkonfermalu li xi xahar qabel verament kienu f'ghalqa u setgha kien li qal lit-tifel 'trid indendlek ?' b'referenza ghal go bir, pero stqarr li kien qallu dan il-kliem mhux bhala theddida.

Huwa tkellem fit-tul mat-tifel u dan deher imbezza minn ommu w insista li jibqa ma missieru.

Meta huwa tkellem ma Miriam Bugeja fuq dan l-incident, u cioe dak li qallu t-tifel dwar il-bir, din qaltlu li Formosa huwa huha u jismu Twanny u huwa persuna avventuruza,

pero fl-ebda hin ma cahdet mieghu li dawn il-kliem setghu ntqalu verament.

Illi nhar s-sebgha ta' Ottubru 2004 **xehdet Nancy Portelli** fejn qalet li hija kienet Social Worker tal-Curia u kienet tahdem fl-iskola fejn kien imur Charlon Bugeja. Qalet li omm t-tifel kienet tkellimha fuq t-tifel minn dejjem, pero qatt ma kellmet lil missieru fuq t-tifel ghax ma hassitx li kellha bzonn.

Illi nhar s-sebgha ta' Ottubru 2004 **xehdet Miriam Bugeja** fejn qalet li hija nghatat digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja datat tmintax ta' Ottubru 2001 sabiex ikollha l-kura u kustodja tat-tifel minuri Charlon Bugeja mill-Gimgha, wara l-iskola sal-Hadd fit-tmienja ta' filghaxija. Dik il-Qorti kienet innotat minn ezami tad-digriet esibit, li bejn il-genituri hemm hafna tensjoni w inkwiet u ghalhekk ordnat lil imputat jibqa jirrisjedi fid-dar matrimonjali waqt li Miriam Bugeja tmur toqghod f'wiehed mill-appartamenti gewwa Marsalforn. Hija esibit kopja ta' dan d-digriet fl-atti w ikkonfermat wkoll li nhar d-dsatax ta' Settembru 2004, zewgha l-imputat ma tahiex l-kura u l-kustodju ta' binha u marret taghmel rapport l-Ghassa. Mistoqsija jekk l-imputat tahiex spjegazzjoni, hija kkonfermat li baqghet bla risposta ta' xejn u kienet decizjoni arbitrarja li ha zewgha l-imputat.

Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2004 **xehed Joseph Bugeja** fejn qal li verament l-kura u kustodja tat-tifel minuri Charlon tinsab f'idejh kif wkoll f'idejn martu u l-modalita ta' kif hija regolata din l-kura giet deciza b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Voluntarja nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2001, skond d-digriet esibit fl-atti.

Spjega li ghall-ewwel kien hemm wkoll digriet li jikkoncerna l-kura tat-tifla tieghu Liliana, pero llum l-gurnata t-tifla ghandha sittax il-sena u baqghet tghix mieghu b'mod permanenti u ma ommha ma tridtx tmur, tant li lanqas ma tkellimha llum il-gurnata.

Dwar t-tifel pero jghid li huwa zamm mad-digriet ghal perjodu ta' cirka tlett snin b'diffikulta ghaliex t-tifel dejjem xtaq jibqa mieghu. Tant hu hekk li kien ippresenta rikors quddiem l-Prim'Awla sabiex ikun hemm varjazzjoni ta' dan d-digriet, pero milli jidher dan r-rikors ma giex degredat [almenu skond ma jirrizulta mill-atti].

Spjega limitatament ghal dak li gara fid-dsatax ta' Settembru 2004, jum il-Hadd, u qal li t-tifel ma riedtx imur ghand ommu b'xejn. Mistoqsi ghaliex kien ghamel hekk, l-imputat wiegeb li t-tifel allegatament kien gie msawwat f'Awissu u cioe x-xahar ta' qabel, minn habiba ta' ommu fil-presenza ta' ommu u ommu ma qaltilha xejn u t-tifel ha ghalih bil-kbir. It-tifel spjegalu li meta jmur ghand ommu, din thallih ma terzi u titlaq 'l hemm. Spjega wkoll l-incident tal-bir u tal-irdum w in efetti ghamel referenza ghar-ritratti esibiti fil-process bhala dokument CB 4. Spjega wkoll li bil-biza li t-tifel kellu li ommu kienet ser tiehdu, lanqas skola ma spicca ried imur u fil-fatt kien iltaqa mal-Kap tal-iskola Father Carmel Gauci u talbu jipprova jikkonvinci lit-tifel biex imur l-iskola, izda dan wkoll ma rnexxilux u kien biss bl-intervent ta' din il-Qorti li t-tifel beda imur skola. Qal li sahansitra anke ghand l-Psikjatra Doctor Mariella Blackman hadu lit-tifel u s-Social Worker tal-Appogg sabiex jitlob l-ghajnuna, izda ma sab wens minn imkien. Stqarr li huwa kien dejjem lest u pront li jaghti l-kura tat-tifel lil martu pero t-tifel ma ried assolutament b'xejn. Spjega wkoll bl-arrangament li kien gie deciz bonarjament bejnu u bejn martu fil-mori ta' dawn il-proceduri, li kien bla pregudizzju ghad-digriet tal-Qorti li kien qed imur b'mod regolari darbtejn fil-gimgha bit-tifel ghand s-Sorijiet ta' Lourdes f'Ghajnsielem u li kien f'dan l-Istitut biss li ried jara lil ommu. Spjega wkoll li kellem lil bintu biex tipprova tikkonvinci lil huha pero lanqas din ma rnexxiet. Qal b'mod kategoriku li huwa kien lest li jgib t-tifel l-Qorti sabiex jinghata lil ommu pero t-tifel kien taht trawma kbira u ma ried jaf b'xejn.

Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2004 **xehed Father Carmel Gauci** fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Kap tal-iskola maghrufa bhala Conservatorio tal-Isqof w ikkonferma li Charlon Bugeja fis-sena skolastika 2004/ 2005, kien qed

jattendi Year VI. Qal li t-tifel m'attendiex ghal xi jiem fil-bidu tal-iskola. Omm t-tifel kienet marret tistaqsih fuq t-tifel u ghalhekk kien cempel lil missieru biex jistaqsih x'kien gara u ghaliex it-tifel ma kienx qed jattendi l-iskola. Qal li l-imputat mar l-iskola flimkien mat-tifel fl-ewwel ta' Ottubru 2004. Huwa staqsa x'kienet r-raguni l-ghala t-tifel ma marx skola u fil-pront il-minuri beda jghid li qed jibza li ommu ser tigi ghalih l-iskola u ma riedx imur maghha. Is-Sacerdot spjega li huwa pprova jikkonvinci lit-tifel sabiex imur ghand ommu u jattendi l-iskola, izda dan nonostante t-tifel ma ried jaf b'xejn, la bl-iskola minhabba din il-biza li kellu u lanqas b'ommu. Qal li l-imputat kien talbu jikkonvinci lit-tifel jibqa l-iskola izda huwa ma rnexxilu b'xejn jikkonvincih ghaliex t-tifel ma riedx jibqa hemm, b'xejn. Fl-atti hemm wkoll esibita dikjarazzjoni mahruga minnu datata erbgha ta' Ottubru 2004 markata bhala dokument CB 5 u meta gie muri dan d-dokument huwa kkonferma l-kontenut tieghu bla tlaqliq u zied jghid li kien impossibbli tispjega u tipprova tikkalma lit-tifel.

Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2004 **xehdet Sarah Soler** fejn qalet li fl-ghoxrin ta' Settembru 2004, kien mar l-Appogg l-imputat biex jghidilha bil-problema li kellu fuq t-tifel minuri Charlon u cioe li ma riedtx imur ghand ommu. Hija spjegat li hi Social Worker u li l-kaz gie riferut lilha. Tkellmet mat-tifel minuri ghal xi hin pero t-tifel deher infelici, bezghan u assolutament ma riedtx imur ghand ommu ghaliex beda jirrakkonta l-istorja ta' zijuh li kien ser jitfghu fil-bir, jew mill-irdum u li habiba ta' ommu tatu daqqa fil-presenza ta' ommu u ommu m'ghamlet xejn dwar dan.

Illi pero waqt l-laqgha irrizulta li l-Qorti kienet diga nnominat Social Worker u ghalhekk dehrilha li ma kelliex tkompli bil-kaz. Spjegat wkoll, meta mistoqsija mill-Prosekuzzjoni, jekk il-missier kienx qed jindahal fi kliem t-tifel, x-xhud wiegbet fin-negattiv. Anzi ziedet tghid li l-imputat ipprova anke quddiemha jipperswadi lit-tifel biex imur ghandu ommu.

Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2004, **xehed PS 261** w ikkonferma li Miriam Bugeja kienet marret l-Ghassa tar-Rabat taghmel rapport li zewgha l-imputat ma tahiex

access ghal binha minuri ghalkemm ordnat li jaghmel hekk mill-Qorti. Huwa wara kellem lil imputat li minnufih ikkopera mieghu u mar l-Ghassa bit-tifel. Huwa kellem lit-tifel u qallu li ma riedtx imur ghand ommu b'xejn u beda jsabbat saqajh u jibki u jinsisti li lil ommu ma jridtx jaraha. Dan nonostante pero deherlu li kellu jikteb rapport u jmexxi l-kaz l-Qorti.

Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2004 **xehdet WPS 50 Miram Attard** fejn qalet li darba minnhom t-tifel minuri Charlon uriha xi feriti fuq daru taht l-*arm pit* li ma kienux friski u meta staqsitu kif gew kagjonati dan qalilha li kienet certa Antoniette, habiba ta' ommu li tatu daqqa b'cintorin fil-presenza ta' ommu u ommu ma qaltilha xejn. Staqsietu biex imur ghand ommu ghaliex hekk ordnatlu l-Qorti, u hu beda jissupervja u jibki u jonfoh bil-qawwi. Hija esibiet l-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident li tinsab a fol 56 tal-atti.

Illi fl-istess seduta tat-tnejn ta' Dicembru 2004 **xehdet Liliana Bugeja,** bint l-imputat u l-kwerelata Miriam Bugeja fejn qalet li hija ghandha sittax il-sena u tmur s-sixth form. Qalet li huha Charlon ilu jghix maghha u ma missieru sa mill-ghoxrin ta' Settembru 2004. Ikkonfermat li huha ma jrid b'xejn imur ghand ommha u li missierhom jaghmel sforz kbir biex lil huha Charlon imur ghand ommu u jghidlu li ser idahhlu f'hafna nkwiet jekk ma jmurx. Infatti stqarret li gieli missierha jghid lil huha biex almenu jcempel lil ommu pero t-tifel jibda jghajjat u jigri mid-dar kollha u jsabbat u jinsisti biex ihalluh bi kwietu. Qalet li huha jghidilha li ma jridx imur ghand ommu ghaliex hija thallih man-nies inkluz maz-zija ta' missierhom li ma jitkellmux maghha u tghidilha kliem "bik u minghajrek xorta'. Ikkonfermat li dan il-kliem ommhom kienet tghidu lilha ta' sikwiet u ghalhekk marret tghix ma missierha. It-tifel ghamel s-sajf kollu tas-sena 2004 jghid li ma jridx imur ghand ommu u hija, flimkien ma missierha, kienu pperswaduh bil-kelma t-tajba, izda wara certu zmien dan ma riedtx ikun jaf aktar. Ex admissis tghid "ma felahx aktar".

Illi nhar s-sebgha ta' Frar 2005 **xehed il-minuri Charlon Bugeja** [fol 65] permezz ta' video conferencing, fejn wara li gie mfisser is-sinifikat tal-gurament lilu qal li hu kien ilu jghix ma missieru ghal erbgha xhur u li lil ommu jaraha kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt f'Lourdes Home. Mistoqsi ghaliex kien qed jghix ma missieru, il-minuri wiegeb li ghaliex ma ommu ma tanx jhossu komdu peress li kienet thallih ma hafna nies, per ezempju ma habiba u hi tohrog. Qal li per ezempju hi f'gimgha tohrog xi tlett darbiet. Mistoqsi fejn kienet tmur ommu il-minuri wiegeb li ma kienx jaf, ghaliex meta kien jistaqsiha hi kienet twiegbu "qadja" jew "mhux affari tieghek". Qal li hu dejjem joqghod ma missieru u li ma jhallih ma hadd. Mistoqsi jekk kellux xi ncident mal-habiba t'ommu, il-minuri wiegeb li din sawwtitu fuq daru b'cintorin waqt li kien hemm ommu u dan fis-sajf ghaliex kien waqqa l-gagga tal-ghasfur. Qal li meta l-habiba t'ommu sawwtitu fil-presenza taghha, ommu ma qalet xejn. Qal li lil missieru kien qallu b'dan ghaliex l-ghada meta qam, missieru kien ra l-marka tac-cintorin u hu kien qallu li kienet ghamlitilu Antoniette, l-habiba ta' ommu w imbaghad missieru hadu l-Ghassa jaghmel rapport u wara mar ghand t-tabib. Charlon Bugeja qal li hu ghandu ohtu ikbar minnu, u din wkoll tghix ma missieru. Mistoqsi mill-Qorti jekk iridx imur jghix ma ommu l-minuri wiegeb li ma jridx ghaliex jibza li jigi msawwat. Qal li jibza wkoll minhabba l-fatt li darba kienu marru passiggata bit-trakk, nizlu f'ghalqa u zijuh Twanny u ommu kienu staqsewh jekk iridx li jdendluh rasu 'l isfel f'bir biex jara jekk hemmx ilma.

Spjega wkoll l-incident li gara wara li huwa kien irrapporta l-kaz tad-daqqa minghand Antoniette. Qal li wara li kien mar jaghmel rapport, zijuh Twanny kien d-dar u qallu li kien jaf li Antoniette ma kienetx sawwtitu u qabdu minn xaghru, gibdu u xenxlu w imbaghad qabad karkura u fajjarha mal-hajt mghola erbgha kantuni. Qal li skola qed imur regolari, kuljum u wara l-iskola imur d-dar. Mistoqsi jekk kienx kuntent li qed jara lil ommu f'Lourdes Home, l-minuri wiegeb li ma kienx ghaliex jekk jibqalu l-homework, ikun irid jaghmlu wara ghaliex ommu ma kienetx thallih jghamlu f'Lourdes Home. Mistoqsi jekk jippreferix imur

ghand ommu d-dar taghha minflok f'Lourdes Home, il-minuri wiegeb li lanqas f'Lourdes Home ma jixtieq jaraha lil ommu. Qal li f'Lourdes Home ma kienx imur ghal qalbu u li xtaq li ma jmurx aktar.

Mistoqsi mill-Qorti jekk missieru qattx qallu biex ma jmurx ghand ommu, il-minuri wiegeb li missieru kien jghidlu biex imur ghand ommu ghaliex jekk le, kien ser jinqalalu hafna nkwiet pero meta kien jghidlu li ma jridx imur ghand ommu u li jekk imur, kien ser jahrab, missieru kien jghidlu biex icemplilha pero hu ma kienx ikun irid jcempel lil ommu.

Qal li hu ghalaq ghaxar snin f'Dicembru. Qal li f'Ottubru li ghadda kien ghamel xi gimgha ma jmurx skola ghaliex kien jibza li tmur ommu u taqbad u tiehdu u kien rega' beda jmur ghaliex t-teacher w is-surmast kienu weghduh li ommu ma kienetx ser tithalla tidhol fl-iskola.

Mistoqsi jekk kienx jaf li ommu kienet tahdem tlett darbiet fil-gimgha, il-minuri wiegeb li darbtejn ghaliex qabel kienet tahdem tlett darbiet fil-gimgha u wara ma baqghetx tahdem tlett darbiet, bdiet tahdem darbtejn fil-gimgha u darba minn dawn kienet thallih man-nies u darba kien imur ma missieru, jigifieri darba minn dawn t-tlett darbiet kienet suppost tmur xoghol. Qal li wara l-incident tal-bir, hu kien imdejjaq maz-ziju u ma ommu. Spjega l-incident meta darba hareg ghal kacca filghodu ghall-ghasafar u darba filghaxija ghal fniek ma Twanny. Qal li kienu jduru mill-Gharb, ghal Wied il-Mielah fejn imorru jistadu, qadu max-xifer bit-trakk w iz-ziju bl-ispot light u l-klieb fit-trakk u hu fil-gabina, fil-kaxxa. Qal li meta kien imur ghal kacca filghodu kienu jmorru f'ghalqa u kienu jmorru f'xi l-hamsa. Qal li meta kienu jmorru fl-irdum kienu jmorru ghal hut, jistadu minn fuq l-irdum. Kienu jmorru xi l-erbgha ta' filghodu jaqbdu l-hut bil-kopp u jaghmlu hemm sa xi l-hdax ta' filghaxija. Qal li darba minnhom, bil-lejl kienu ghaddejjin bit-trakk hu u zijuh Twanny, dan waqaf u qallu li kellu habel u li kien ser jorbtu u jnizzlu ghal xi 'ciev', ghasfur gol-ghar, u qallu biex jixghel l-ispot light biex jarawh u hu ma hallihx jghamillu hekk. Qal li lil ommu fuq dan l-incident ma kienx tkellem. Qal li ommu gieli kienet tmur maghhom ghat-tjur u ghal fniek. Qal li lil ommu ma

kienx jghidilha li ma kienx irid imur mieghu ghaliex ommu kienet tmur tghidlu liz-ziju u dan kien jibda jirrabbja.

F'din l-istess seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' April 2005, **xehdet l-Psikologa Mariella Blackman** li kienet giet nominata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex thejji rapport dwar il-kaz pendenti. Ikkonfermat li hija kienet irredigiet rapport fit-tmintax ta' Ottubru 2001.

Ikkonfermat wkoll li recentement kienet tkellmet mat-tifel wahdu u cioe fis-sittax ta' Ottubru 2004, u fit-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2004. Qalet li dan kien stqarr maghha li ma riedx imur ghand ommu b'xejn u spjegalha li meta jkun ghand ommu din thallih ma terzi u tghidlu kliem mhux xieraq bhal 'bik u minghajrek l-istess'. Irrakkontat l-incident tal-irdum u tal-bir u spjegat wkoll l-incident ta' meta t-tifel gie msawwat bic-cintorin minghand Antoniette meta dan l-incident suppost sehh f'Awissu 2004 [tlett xhur wara li tkellmet mat-tifel]. Spjegat fid-dettal t-trawma li ghaddej minnha t-tifel u li hemm bzonn terapija intensiva fuq l-koppja dwar t-trobbija tat-tifel. It-tifel ghaddej minn ansjeta kbira tant li ma jistax jikkoncentra fuq affarijiet normali, bhal studju. It-tifel ghandu sintomi ta' bizghat, tensjonijiet varji li ma humiex normali fi tfal ta' dik l-eta.

Mistoqsija jekk t-tifel hux konsistenti f'dak li jghid, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv, minkejja li kien ghadda xahar u nofs bejn sessjoni u ohra. Qalet li mill-isforzi li ghamlet hi ma waslitx biex twassal lit-tifel imur ghand ommu u hasset li <u>ma kelliex tipprova aktar ghaliex kien detrimentali ghal minuri</u>.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004, **xehed PC 1097** li kkonferma li fid-dsatax ta' Settembru 2004, huwa mar flimkien ma Joseph Bugeja sabiex jkellem lit-tifel minuri ghaliex l-imputat ma riedtx izomm lit-tifel mieghu u t-tifel ma riedx jitilqu b'xejn ghaliex ma riedtx jaf b'ommu. Huwa beda jkellem lit-tifel u dan minn naha tieghu beda jsabbat saqajh, jibki u jixxenja li ma jridx imur. Fil-presenza tieghu l-imputat beda jipprova jipperswadi lit-tifel biex imur ghand ommu, izda dan ma ried jaf b'xejn.

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' April 2005 **xehed PS 187** li qal li l-imputat mar l-Ghassa ma ibnu fid-dsatax ta' Settembru 2004 u l-imputat qallu li t-tifel ma jridtx imur ghand ommu. Huwa qal lil imputat biex ma jiehux lit-tifel l-Ghassa u li ma kienx kompetenti sabiex jipprova jikkalma lit-tifel. Qallu biex imur jkellem lis-Social Worker involut fil-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 338 (LL) tal-Kap 9 jikkontempla reat kontra l-ordni pubbliku u mhux reat kontra proprjeta jew kontra l-persuna. Il-legislatur kjarament ried, anke bhala linja ta' *public policy*, li l-ordnijiet ta' Qorti Civili kompetenti in materja ta' nuqqas t'access, jigu osservati ndependentement mill-volunta tal-partijiet koncernati. Hu sinifikanti nfatti li ghal prosekuzzjoni ta' dan r-reat ma hiex mehtiega l-kwerela tal-parti. Ir-reat hu prosegwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva u ma jistax jigi rinunzjat minn xi parti.

Fil-fatt referenza ghad-*debates* parlamentari dwar l-emendi li saru fil-Kodici Penali u b'mod partikolari ghal meta gie ntrodott l-artikolu 338(LL) u cioe meta l-istess artikolu kien qed jigi diskuss fil-*Committee Stage*, l-Onorevoli Membru tal-Parlament Tonio Borg, fis-seduta numru 171 mizmuma nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 1993, deherlu li din il-kontravenzjoni kellha titqies bhala kwistjoni bejn il-familja bejn il-genituri dwar t-tfal taghhom in komuni u ghalhekk fil-fehma tieghu huwa fl-interess pubbliku, fl-interess ta' ordni pubbliku wkoll li jekk hemm ordni tal-Qorti, din ghandha tigi esegwita u ghalhekk taqa taht t-titolu msejjah kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku.

Bhala principju generali meta jkun hemm l-ordni tal-Qorti, persuna ghandha tfittex li tbiddel l-ordni tal-Qorti jekk hemm ragunijiet bizzejjed, billi ssegwi l-proceduri debitati u mhux billi tiehu f'idejha l-ligi u taghmel dak li jidhrilha hija u tirrifjuta li taghti l-access ordnat mill-Qorti.

*"Quod gratis afferitur, gratis negatur."*

Il-fatt li jista jkun hemm motiv legali 'bazat' biex id-digriet tal-Qorti jkun mibdul jista jkollu effett fuq il-piena izda **qatt** fuq il-htija, u dan ghaliex il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhix il-kompetenza li tbiddel digriet.  Il-funzjoni ta' din il-Qorti f'dawn c-cirkostanzi, hi biss li tara li jkun hemm il-provvediment idoneju tal-Qorti u tassigura li l-ordni tigi obduta.

Illi kif gie ritenut diversi drabi, sabiex l-imputat jigi gustifikat jew ezonerat mill-obbligu lil ghandu fl-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla, irid jkun hemm **raguni xierqa** li minhabba fiha hu ma setghax jottempera ruhu ma dak l-obbligu u dan fl-interess u minhabba l-inkoluminita tal-istess minuri.  Fil-fehma ta' din l-Qorti n-nuqqas li bniedem jsegwi ordni tal-Qorti jista jkollu rizultat ta' fattur kemm oggettiv u cioe kwistjoni li hija ndipendenti mill-volunta tal-partijiet bhal per ezempju jekk il-minuri hija marida, kemm soggettiva, u cioe dipendenti mill-volunta ta' parti.

Il-Qorti ghalhekk trid taghmel ezercizzju u tara x'kienet r-raguni ghaliex l-imputat naqas li jobdi ordni tal-Qorti sabiex tistabbilixxi li r-raguni tieghu ghal tali nuqqas, ghalkemm soggettiva, tikkostitwixxi raguni xierqa fit-termini tal-ligi.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar, 2001*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Tabone** fejn dik il-Qorti rriteniet li:

*"Non osservanza tal-ordnijiet tal-Qorti Civili in materja ta' hlas ta'manteniment u access ghal ulied (paragrafu Z u LL tal-artikolu 338 tal-Kap 9), tammonta in realta mhux tant ghal sfida lejn dik il-parti li jkollha dritt ta' access, daqs kemm ghal sfida lejn l-awtorita tal-Qorti li tkun tat l-ordni relattiv."*

Ghalhekk il-Qorti thoss li bhala regola il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu pjuttost severi fl-applikazzjoni tal-piena fir-rigward ta' dawn iz-zewg kontranvenzjonijiet.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju, 1994*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v Carmen Tabone Reale** dik il-Qorti tat spjegazzjoni tat-tifsira "raguni xierqa" (*just cause* fit-test ingliz).

Dik il-Qorti ghamlet referenza ghal kaz ***Kanadiz R v Arthurs, ex p Arthur Shipping Co. [1967] 7 Ontario Reports 272:***

*"Just cause does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt suitable whereas just' has a wider meaning including <u>equitable considerations</u>."*

Ghalhekk biex tara jekk kien hemmx raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, il-Qorti trid tizen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Ebejer**, dik il-Qorti tat tifsira tal-kliem "raguni xierqa". Hija fissret:

*"Li biex wiehed ikun jista jinvoka r-"raguni xierqa" li tezenta lil dak li jkun mir-responsabbilita kriminali, irid jirrizulta li hu jkun fic-cirkostanzi agixxa ragonevolment. L-espressjoni "raguni xierqa" hija sinonima f'dak l-kuntest ghal "raguni tajba" li tista tigi tradotta bhala "reasonable cause".*

Il-Qorti tat ezempji ta' "raguni xierqa " jew "raguni tajba" bhal meta t-tifel jew tifla jkun/tkun marid/a b'mod li l-hrug barra mid-dar jista jkun ta' detriment ghalih jew ghaliha. Il-Qorti kompliet tispjiega li biex wiehed ikun ezentat mir-responsabbilita kriminali, irid ikun  hemm risposta fl-affermattiv ghal mistoqsija: Min kellu jaghti l-access u ma tahx, agixxa b'mod ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz ?

Wiehed irid jzomm f'mohhu li hawn qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku u ghalhekk bhala regola l-ordnijiet tal-Qorti ghandhom jigu **skrupolozament osservati** u hu biss

meta jkun hemm raguni xierqa fis-sens kif hawn aktar 'l fuq imfisser li wiehed jista jkun gustifikat li ma jobdix dawk l-ordnijiet.

Il-Prosekuzzjoni fil-fehma taghha kellha tipprova z-zewg elementi ta' din il-kontravenzjoni u cioe fl-ewwel lok li l-imputat kellu jaghti l-kura u l-kustodja lil martu ghal binhom minuri Charlon u fit-tieni lok li dan m'ghamlux minghajr raguni xierqa.

Id-Difiza bhala principju qablet mal-Prosekuzzjoni li sabiex jissusisti r-reat in dezamina jridu jikkonkorru zewg ingredjenti u cioe l-ksur ta' ordni tal-Qorti u t-tieni li tali ksur sar minghajr *gusta causa.*

Id-Difiza tat spjiegazzjoni dettaljata ta' xi tfisser *gusta causa* sal-grad ta' probabilita u mhux sal-grad rikjest mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghalhekk, dejjem fil-fehma tad-Difiza, il-Qorti trid tgharbel il-provi u tara jekk fuq livell ta' probabilita d-Difiza m'irnexxiliex tissodisfa l-Qorti li tezisti din il-*giusta causa* fl-interess tal-benessere u sahha tal-wild minuri. Issa jekk il-Qorti thossha sodisfatta li l-imputat agixxa minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet ekwi, allura tfisser li jkun issodisfa l-grad rikjest ghal-estrema *giusta causa*.

Illi din il-Qorti sejra taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija recentement mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Mejju 2005*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Josephine Haber** ghaliex il-fatti specie tal-kaz huma simili izda certament mhux l-istess.

Ma hemmx dubbju li f'din il-kawza odjerna, bhal dik 'l fuq citata ta' Josephine Haber, bejn l-imputat u martu hemm problemi kbar ta' komunikazzjoni li possibilment qed jigu aktar ikkumplikati bl-intervent tal-avukati taz-zewg nahat.
Din il-Qorti taghmel referenza ghar-raguni moghtija mill-imputata fis-sentenza ta' Josephine Haber fuq citata, li hi ma tatx il-kura u kustodja ta' binhu minuri lil zewgha ghaliex huwa ma riedtx imur. Din, fil-fehma tal-Qorti tal-Appell tista tkun kif imfissra f'dik l-istess sentenza tista

tkun raguni pjuttost fjakka dik li genitur jaghti meta jghid li minuri ma riedtx imur ghand l-genitur l-iehor pero dan r-ragjonament wkoll ghandu jinghata importanza fil-kwadru tal-fatti specie tal-kaz. Huwa veru li bhala principju din il-Qorti m'ghandhiex taqbel u taccetta skuza bhala raguni xierqa ghal finijiet tal-paragrafu 1 tal-artikolu 338 tal-Kap 9 ghaliex altrimenti ikun qed jinfetah l-bieb ghal kull forma ta' stratagemma ta' parti anke probabbilment bil-kolluzzjoni nnocenti tal-minuri.

Din il-Qorti taqbel ma dak li gie deciz fis-sentenza fuq imsemmija li "Jekk verament minuri ma jkunx irid imur ghand genitur minnhom, u jekk l-genitur li jkollu l-kustodja jkun tal-fehma li r-rifjut tal-minuri jkun b'xi mod gustifikat, il-kwistjoni ghandha tingieb minnufih quddiem l-Qorti Civili kompetenti sabiex din tezamina r-raguni ghal tali rifjut u, jekk ikun il-kaz, taghti l-provvedimenti opportuni. Pero, sakemm hemm fis-sehh dak l-ordni ghal access/ kura, dak l-ordni ghandu jigi obdut u osservat u l-genitur li jkollu l-kustodja tal-minuri, ghandu jaghmel dak kollu possibbli u ragjonevolment biex l-ordni jigi osservat."

Din il-Qorti rat wkoll s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Isabelle Cilia**. Illi pero, ghalkemm l-imputatq kienet giet akkuzata bl-istess tip t' akkuza bhal dik moghtija fil-konfront tal-imputat, il-fatti huma differenti, ghaliex filwaqt li fil-kawza kontra Isabelle Cilia gie ppruvat li l-omm kienet tibki quddiem t-tifel sabiex b'hekk t-tifel jigi manipulat u ma jkunx irid imur ghand missieru, f'dik il-kawza il-Qorti dehrilha li l-omm imputata Isabelle Cilia, kellha taqbad u tikkonsenja lit-tifel minuri b'mod fiziku lil missieru anke kontra r-rieda tieghu.

Kif tajjeb gie rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-Qorti tigi biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interessi li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest [***Appell Kriminali*** **- Il-Pulizija v Carmen Tabone Reale'** - ***deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1994***] "B'raguni xierqa wiehed ghandu jifthiem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni

oggettivament xieraq u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access."  [vide **Il-Pulizija v Joseph Ebejer** - ***deciz nhar d-dsatax ta' Dicembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***.]

Il-Qorti nnotat f'dan il-kaz il-karattru difficili taz-zewg genituri u s-sens ta' pika enormi ezistenti bejniethom li qed thalli mpatt qawwi fuq it-tifel, tant li l-Psikologa spjegat li t-tifel ghaddej minn trawma kbira tant li mhux kapaci jahseb, u li fil-fatt ma hassitx li kellha tisforza aktar lit-tifel biex imur ghand ommu.

Il-Qorti thossha preokkupata ferm tara kif tifel minuri ta' eta ta' ghaxar snin ikun distrutt u immanuvrat bil-manjiera kif deher quddiemha biex jixhed.

Il-Qorti semghet lil minuri hija stess permezz tal-*video conferencing* bil-ghan li thoss il-polz tal-istess tifel u rat li t-tifel huwa tifel infelici u disappuntat u assolutament ma jridx imur ghand ommu.  It-tifel beda jirrakkonta wisq episodji li ghadda minnhom u hallew impatt negattiv fuqu. Illi t-tifel kien mimli dmugh w emozzjonat meta kien qed jixhed.

Semghet koll lil missier jghid li huwa jixtieq li ibnu imur ghandu martu pero t-tifel ma jrid jaf b' xejn.  Semghet lil istess imputat jispjega x'passi ha sabiex jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni u ma jiehux l-ligi b'idejh fis-sens li ipprezenta rikors quddiem il-Qorti Civili sabiex d-digriet jigi varjat, ha lit-tifel ghand l-Appogg, ghand Psikologa, ghand Social Worker, ghand Sacerdot, ghand il-Kap tal-iskola, ghand diversi Pulizija, dejjem bl-isperanza li dawn jghinuh jikkonvinci lit-tifel.  Tkellem wkoll ma bintu Liliana li tigi oht t-tifel, biex jippruvaw jipperswaduh u ma ried jaf b'xejn. Spjega t-'tantrums' li t-tifel jghaddi minnhom meta jsemmulu lil ommu.

Din il-Qorti ppruvat wkoll tkellem lit-tifel minuri pero jidher li t-tifel huwa mweggha u ghandu bzonn *counselling* sabiex jifhem il-qaghda li jinsab fiha.

Dan ma hux kaz li l-imputat qabad u m'ghamel xejn jew addirittura li sahhan lil ibnu biex ma jmurx, ghaliex fil-fatt f'Lourdes Home kien imur darbtejn fil-gimgha fil-kumpanja tat-tifel biex jara lil ommu.

Illi l-Pulizija wkoll xehdet u qalet li t-tifel ma riedtx imur ghand ommu u sahansitra meta wiehed minnhom mar jiccekkja fuq l-istorja tal-bir li rrakkonta t-tifel, sab li l-incident kien verament sehh, ghalkemm forsi mhux bl-intenzjoni li t-tifel verament jispicca fil-bir.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti ma thossx li kien hemm l-kontravenzjoni tal-ligi kif imfissra **fl-artikolu 338(LL) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex l-imputat JOSEPH BUGEJA kellu raguni xierqa l-ghala ma tax l-kura u kustodja tat-tifel minuri lil martu nhar d-dsatax ta' Settembru 2004 u ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------